MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 13(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru 2011, fil-4:30p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Aġġudikar ta' Tenders MXLC03/2011 U MXLC 04/2011
6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
7. Affarjiet Oħra

**Talba**

Is-Sur William Pomroy qal it-talba.

## 1. Qari tal-Minuti

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill unanimament approva l-korrettezza tal-Minuti fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Remigio Cassar li għaddiet b'mod unanimu.

Wara l-konsiderazzjoni is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

## 2. *Arising* mill-Minuti

Ma kienx hemm

## 3. Korrispondenza

Nqrat il-korrispondenza kollha

**3.1** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minghand MEUSAC bid-data tal-21 ta' Novembru 2011 rigward proposta sabiex titpogga struttura temporanja ġewwa sit fil-lokalita' ta' Marsaxlokk. L-istess struttura illi kienet toffri s-servizz ta' Wi-Fi b'xejn kellha tkun preżenti għal xahrejn bejn April u Ġunju 2012. Wara li intweriet stampa ta' l-istruttura kien hemm qbil illi din għandha titpoġġa fil-pjazza tar-Raħal.

**3.2** Ittra datata 28 ta' Novembru 2011 mingħand Lorenza Bugeja, anzjana ta' wieħed u sittin sena illi talbet illi taċċedi l-pjazza bil-karozza privata tagħha minħabba probelmi ta' mobilita'. Il-Kunsill qabel illi din it-talba ma għandiex tiġi aċċettata peress illi l-pjazza ma timponiex si diffikultajiet għall-pedonali.

**3.3** E-mail datat 3 ta' Novembru 2011 mingħand OPM li permezz tiegħu Sultana Alexia Maria ressqet ilment li kienet irċeviet rigward *central strip* li hemm bejn l-istabbilimenti *Gente di Mare u Acqua Pazza*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien ikkonsulta mas-Sindku u dan l-ilment ġie riżolt.

**3.4** E-mail datat 8 ta' Novembru 2011 mingħand Borg Grech Joseph f'isem il-Ministeru għar-riżorsi u l-affarijiet rurali. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-ħaddiema li l-Ministeru kien assenja sabiex iwettqu l-proġett ta' Xatt is-Sajjieda kienu ser jittieħdu lura peress li x-xogħol kien tlesta. Is-Sindku qal illi dan l-email kien risposta għal e-mail li kien intbaghat lil Christopher Ciantar hekk kif sar jaf li kienu ser jittieħdu dawn il-ħaddiema. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi x-xogħolijiet kienu għadhom ma tlestewx u ġie elenkat xi xogħol li kien għadu pendenti. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi għandha tintbaghat e-mail sabiex din is-sitwazzjoni tiġi ratifikata.

**3.5** Permezz ta' e-mail datat 26 ta' Ottubru 2011, Borg Marie Jeanne f'isem OPM infurmat lill-Kunsill Lokali illi t-taqsima responsabbli mill-Parks u l-Inizjativi ( fi ħdan l-MRRA) kienet qiegħda tikkunsidra illi tagħti għajnuna lil dawk il-Kunsilli illi jitħajru jibnu mixtla żgħira sabiex ikabbru siġar indiġeni fil-lokalita'. Is-Sur William Pomroy qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill kellu jikkunsidra illi permezz ta' din il-proposta joħloq mixtla ġewwa l-iskola primarja. Kien hemm qbil dwar dan u ġie deċiż illi jsir kuntatt ma' l-iskola primarja sabiex jintalbu l-permessi meħtieġa.

**3.6** Ittra datata 7 ta' Novembru 2011 mingħand MEPA li permezz tagħha l-Kunsill ġie infurmat illi r-rebbieħa f'isem il-lokalita' ta' Marsaxlokk għall-kompetizzjoni tat-tpinġija (Jum Dinji għall-Ambjent) kienet is-Sinjorina Julia Buteel. Id-Disinn tagħha kien ser jintuża f'attvitajiet li MEPA kienet bi ħsiebha ttella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali.

**3.7** Transport Malta permezz ta' ittra datata 18 ta' Novembru 2011 infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet approvat talba għal reserved parking li kienet irċeviet mingħand is-Sur Anonio Darmanin li kien jabita f'Dahlet Ġuże Stagno.

**3.8** Ittra datata 21 ta' Novembru 2011 mingħand Transport Malta li permezz tagħha l-Kunsill ġie infurmat illi kienet ġiet approvata t-talba sabiex isiru linji sofor b'tul ta' metru ma' kull ġenb ta' garaxx nru.78 fi Triq il-Port Ruman

**3.9** Ittra datata 19 ta' Novembru 2011 mingħand Carmel Mifsud rigward offerta li l-istess Mifsud kien tefa' għat-tindif ta' Xatt is-Sajjieda wara s-sur fil-beraħ ta' nhar ta' Hadd. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi din kienet kopja ta' l-ittra li s-Sur Mifsud kien annetta ma' l-offerta u li kienet diġa ġiet diskussa mill-bord ta' Evalwazzjoni li r-rapport tiegħu kien ser jitressaq għall-kunsiderazzjoni aktar tard matul l-istess laqgħa.

**3.10** Ittra datata 16 ta' Novembru 2011 mingħand MEPA fejn il-Kunsill ġie infurmat illi t-tribunal ta' Reviżjoni ta' l-istess awtorita' kien ser jiddiskuti appell nru PA/01907/09 nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2011. Il-Kunsill ma hassx illi kellu jkollu rappreżentanza għal dan is-smiegħ.

**3.11** Permezz ta' ittra datata 17 ta' Novembru 2011, MEPA infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2011 ġewwa Dar il-Mediterran għall-konferenzi kien ser ikun hemm diskussjoni rigward PA4854/09 u IP 002/07/B illi t-tnejn kienu jittrattaw il-powerstation ta' Delimara. Il-viċi-Sindku infurma lill-Kunsill illi huwa flimkien ma' xi esperti li kienu qiegħdin jgħinu lill-Kunsill f'din il-materja kienu ser ikunu preżenti u stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex kemm il-darba ikun possibbli jattendu għal din il-laqgħa. Huwa żied illi f'dan ir-rigward leħen il-Kunsill kien qiegħed jiġi kkunsidrat. Fil-fatt MEPA kienet ser toħroġ permess ta' tmien xhur li matulu kien ser isir monitoring minn ġewwa l-lokalita' ta' Marsaxlokk. Wara diskussjoni dwar din it-tema is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sur William Pomproy ikkonfermaw li kellhom intenzjoni jattendu għal din il-laqgħa

**3.12** E-mail datat 29 ta' Novembru 2011 mingħand Sharon Mizzi li permezz tiegħu l-Kunsill ġie mitlub iħallas l-ammont ta' €955. Il-Kunsill ġie infurmat illi din l-ispiża kienet relatata ma' spejjeż sabiex ikun jista' jinfetaħ protest ġudizzjarju. Wara diskussjoni libera fuq proposta tas-Sur Steven Grech, issekonata mis-Sur Remigio Cassar u li għaddiet b'mod unanimu il-Kunsill qabel illi dawn l-ispejjeż għandhom jiġu mħallsa sabiex ikun jista' jinfetah l-imsemmi protest.

**3.13** Ittra mingħand ARMS Ltd rigward applikazzoni pendenti għal meter ta' l-ilma. Is-Segretarju informa lill-Kunsill illi kien talab spjegazzjoni dwar din l-applikazzjoni. Permezz ta' e-mail datat 19 ta' Novembru 2011, il-Kunsill ġie infurmat illi l-ammont dovut kien ta' €811. Madanakollu ma kienx ċar għalfejn kienet intalbet din l-installazzjoni u l-Kunsill kien talab kjarifika lil Arms Ltd. li sal-ġurnata tal-laqgħa kienet għadha ma waslitx.

**3.14** E-Mail datat 26 ta' Novembru 2011 migħand il-Viċi-Sindku rigward ilment li kien irċieva dwar bankina fi stat ħażin fi Triq il-Galjazz. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu xi laqgħat ma' rappreżentanti ta' IPSL u kienet saret talba mill-Kunsill sabiex permezz ta' *project teams* li l-istess IPSL kellha jitwettaq xi xogħol fuq bankini ġewwa l-lokalita' ta' Marsaxlokk. Il-Kunsill kien ġie infurmat illi x-xogħol kien ser jinbeda kmieni matul l-2012.

**3.15** Permezz ta' e-mail datat 24 ta' Novembru 2011, il-Kunsill ġie infurmat mis-Sur Charles Bugeja bi problemi li kien hemm fi Triq is-Salvatur. Is-Sur Bugeja qal, illi r-residenza tiegħu fl-istess triq kienet qiegħda ssofri hsarat kawża ta' l-ilma tax-xita minħabba illi hemm problema sabiex l-istess ilma jiskula. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi għandha ssir talba sabiex tinfetaħ il-parti magħluqa ta' Triq l-Immakulata Kunċizzjoni sabiex din il-problema tiġi riżolta. Kemm il-darba dan ma jkunx possibbli għandha ssir talba sabiex isir *easmen*t halli l-ilma jkun jista' jgħaddi minn *water catchment* li sar għal triq l-Arznell u jiskula.

**3.16** E-mail datat 24 ta' Novembru 2011 mingħand il-Viċi-Sindku rigward PA/02958/10. Permezz ta' din l-email il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill illi kien qiegħed jiġi propost illi jibnew landing facilities bil-Cold Stores f'parti minn Xatt is-Sajjieda (faċċata ta' fejn kien hemm il-koperattiva tas-Sajjieda). Wara li ġiet diskussa din il-materja kien hemm qbil illi t-triq kienet diġa' dejqa fil-preżent. Għaldaqstant kellha ssir talba sabiex l-imsemmi żvilupp

jersaq b’madwar 5 metri aktar lejn il-baħar u tintradam parti oħra sabiex kemm jista’ jkun ma tintmessx it-triq.

**3.17** Ittra datata 11 ta’ Novembru 2011 mingħand Environmental Landscapes Consortium fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-istess kumpanija kienet ser tagħti 250 qasrija (ta’ 10ltrs) lil diversi Kunsilli Lokali fosthom dak ta’ Marsaxlokk. Dawn kellhom jitqassmu lir-residenti sabiex jitpoġġew fit-twieqi u gallariji ħalli jsebbħu l-lokalitajiet. L-istess qsari kienu ser ikunu mħawla bil-pjanti li kienu ser jinbidlu tliet darbiet matul l-ewwel sena mill-istess ELC. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi sabiex ma tkunx qiegħda tinħoloq inġustizzja l-Kunsill Lokali għandu jibgħat avviż lir-residenti ta’ Marsaxlokk sabiex min ikun interessat japplika sabiex jingħata qasrija. L-applikazzjonijiet kollha kienu ser jitpoggew f’ulna u l-Kunsill Lokali kien ser itella’ bil-polza 250 individwu.

**3.18** Permezz ta’ E-Mail datat 24 ta’ Novembru 2011, il-Kunsill Lokali kien irrisponda e-mail li kien irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tnaqqis mill-allokazzjoni finanzjarja kawża ta’ dewmien sabiex jiġi sottomess ir-rapport ta’ l-Awditur. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet inġabret il-korrispondenza kollha bejn il-Kunsill u l-Awdituri u kien jidher illi d-dewmien ma kienx kawża ta’ negligenza in-naħa tal-Kunsill Lokalil. Għaldaqstant id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien intalab sabiex jirrevedi d-deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-konfront tal-Kunsill Lokali rigward din il-materja.

**3.19** Permezz ta’ E-mail datat 11 ta’ Novembru 2011, il-Kunsill Lokali kien informa lil Transport Malta illi kien qiegħed jirċievi kwantita’ ta’ ilmenti rigward il-frekwenza ta’ rotta numru 206 u saret talba sabiex l-istess rotta jkollha frekwenza ta’ kull siegħa u mhux kull siegħa u nofs.

**3.20** Permezz ta’ e-mail datat 16 ta’ Novembru 2011, il-Kunsill Lokali kien ressaq talba lill-Onor. Dr Chris Said, sabiex kemm il-darba ikun possibbli, ikun hemm xi tip ta’ kumpens għal spejjeż li l-Kunsill Lokali Marsaxlokk kien qiegħed jidħol għalihom sabiex is-suq fil-beraħ illi jarma nhar ta’ Ħadd ikun konformi mal-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi sal-ġurnata tal-laqgħa ma kienet waslet ebda risposta għal din it-talba.

## 4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

**4.1** Ma kienx hemm

## 5. Aġġudikar ta’ Tenders MXLC 03/2011 u MXLC 04/2011

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Bord ta’ l-Għazla rigward sejħa għall-offerti MXLC03/2011. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u l-motivazzjonijiet li ta’ l-istess Bord bħala ġustifikazzjoni għall-għażla tiegħu. Kien hemm qbil illi l-motivazzjonijiet kienu validi u l-Kunsill għadda sabiex jaġġudika din is-sejħa. Is-Sur William Pomproy ippropona illi r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta’ l-għażla tiġi aċċettata u l-Kunsill jaġġudika din is-sejħa lis-Sur Carmel Mifsud. Il-Viċi-Sindku ssekonda din il-proposta li għaddiet b’votazzjoni unanima.

**5.2** Is-Segretarju Eżekuttiv għadda sabiex jaqra ir-rapport ta’ tal-Bord ta’ l-għażla rigward sejħa għall-offerti MXLC04/2011. Wara diskussjoni qasirali matulha ġew diskussi l-motivazzjonijiet li kien ikkunsidra l-bord, kien hemm qbil illi r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta’ l-għażla għandha tiġi aċċettata. Għaldaqstant fuq propsota tas-Sindku li ġie issekondata

mis-Sur William Pomroy u li għaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill aġġudika din is-sejħa lill-Kumpanija Environmental Landscapes Consortium.

**6. <u>Approvazzjoni ta' Hlasijiet</u>**

**6.1** Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 11/11) li hi annessa ma' u tifforma parti minn dawn il-Minuti

**7. <u>Affarijiet Ohra</u>**

**7.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi safejn kien infurmat il-Laqgha Annwali għas-sena 2011 ma kenitx saret u talab lill-Kunsill jieħu deċiżjoni jekk din għandiex issir. Wara diskussjoni libera ġie deċiż illi minħabba illi kien fadal xahar sabiex tintemm l-2011 ma kienx jagħmel sens illi tinżamm il-laqgħa annwali.

**7.2** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kienu avviċinawh il-ħaddiema sabiex kemm il-darba ikun possibbli jinxtara welding set sabiex ikun jista' jsir xi xogħol ta' manutezjoni. Huwa żied illi l-ħaddiema kienu qiegħdin jaħdmu b'welding set li kienu qiegħdin jissellfu mingħand terzi li minħabba ċirkustanzi li ma kienx hemm kontroll fuqhom ma setgħux jibqgħu isellfuh aktar lill-Kunsill.Kien hemm qbil illi għandu jinxtara welding set sabiex il-ħaddiema ikunu jistgħu jaħdmu. Is-Sur William Pomroy qal illi kien ta' l-ideja illi l-Kunsill ikollu inventarju ta' l-għodda kollha li kellu l-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan u s-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istaff kien ser jieħu ħsieb illi dan l-inventarju isir.

**7.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-istaff kien qiegħed jaħdem sabiex tkun tista' tinħareġ sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart domestiku u riċiklabbli. Huwa żied illi kien hemm bżonn illi l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar il- frekwenza tal-ġbir ta' skart domestiku u dak riċiklabbli. Wara diskussjoni qasira fuq mozzjoni tas-Sur William Pomroy issekondata mis-Sindku u li għadddiet b'mod unanimu ġie deċiż illi l-iskart imħallat għandu jinġabar kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Hamis u s-Sibt, filwaqt li l-iskart riċiklabbli għandu jinġabar kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa. Ma kellux ikun hemm kollezzjoni ta' skart imħallat kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgħa.

**7.4** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi matul ix-xahar ta' Novembru 2011, il-Kunsill ġie nnotifikat illi kien sar trasferiment ta' fondi ekwivalenti għal €6880 f'kont bankarju tal-Kunsill Lokali b'relazzjoni ma' miżura 313. Huwa żied illi dan il-proġett kien sfuma fix-xejn u l-Kunsill ma' kellu jirċievi ebda fondi b'konnessjoni ma Miżura 313. Għal dan il-għan kien ikkonsulta mal-Kunsillier William Pomroy li min-naħa tiegħu irrefera l-fatti lis-Sur Joseph Pisani (f'isem l-Aġenzija għall-Pagamenti -MRRA) u l-Kunsill kien qiegħed jistenna risposta dwar x'għandu jsir mill-fondi kkonċernati

**7.5** Is-Sur William Pomproy qal illi kien qiegħed jippjana illi l-attivitajiet għall-Milied 2011 illi kien ġie inkarigat jieħu ħsieb f'isem il-Kunsill kien ser jittellgħu nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru 2011. Għal dan il-għan kien hemm bżonn illi f'Xatt is-Sajjieda ma' jkunx hemm parkeġġ. Dan kellu jinkludi vetturi ta' bejjiegħa tas-Suq fil-beraħ. Wara diksussjoni qasira kien hemm qbil illi għal din il-ġurnata ma jitħalliex isir parkeġġ fiż-żona kkoncernata.

**7.6** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm bżonn tittieħed deċiżjoni dwar is-Suq fil-beraħ għall-ġranet tal-Milied u ta' l-Ewwel tas-Sena. Wara li ġiet diskussa din il-materja ġie deċiż illi għandu jintbagħat avviż lill-bejjiegħa sabiex jiġu infurmati illi f'dawn iż-żewġ ġranet is-

Suq fil-Berah ma kienx ser jarma. Dan peress illi f'dawn il-granet kemm il-darba jarma s-suq fil-berah kien ser ikun hemm problemi kbar mas-sidien ta' l-istabilimenti

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30 p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2011

______________ ______________

**Stephen Caruana** **Duncan Hall**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**